# WERREJ
## TAD-DSATAX-IL SENA


| | faċċata |
|---|---|
| Editorjal—Ix-Xirka tal-Pinna | 3 |
| Dun Karm—*Biki ta' Omm* | 5 |
| E. Agius—*Ras il-Pellegrin* | 5 |
| Ġ. Galea—L-Aħħar Tislima | 6 |
| Karmenu Vassallo—*Lil Ibni Herman Baruch* | 10 |
| Prof. P.P. Saydon—Flus ir-Regħba ħajja qasira | 12 |
| R.M.B.—*Id-Dolliegħa u l-Qargħa* | 14 |
| P. Pawl Tabone, o.f.m.—Il-Barrakka ta' Katrin | 15-34 |
| Fran. Camilleri—*Ħniena!* | 20 |
| G.Z.A.—L-Onor. Dr. A. V. Laferla, C.B.E.,LL.D | 21 |
| M. Agius—*Lil...* | 23 |
| Bibljografija | 23 |
| Editorjal—Traduzzjonijiet bil-Malti | 25 |
| R.M.B.— *Sursum corda!* | 26 |
| Ġ. Ellul—Tal-Qali | 27 |
| Dun Karm— *Tfajla* | 28 |
| Ġ. Cassar Pullicino—Meta mort Għawdex bid-dawra | 29 |
| A. Buttiġieġ—*Il-Maqdes tal-Mulej* | 32 |
| Mary Meylak—*Glieġel* | 39 |
| Ġ. Chetcuti *Is-Suldat* | 40 |
| Ħidma li wettaqna fl-1942 | 44 |
| Editorjal—Il-Malti fl-Edukazzjoni | 49 |
| Rużar Briffa—*Dwejjaq Missirijietna* | 51 |
| Vic. Apap—*Xemx ta' Settembru* | 52 |
| Ġużè Galea—God save the King | 53 |
| A. V. Vassallo—*It-8 ta' Settembru—Londra, 1942* | 59 |
| Dun Pawl—Wenzu jsib lil Luċija f'Lazzarett | 61 |
| Alb. M. Cassola—MDLXV | 67 |
| N. Biancardi—*Innijiet* | 69 |
| Brother Amedy—Insewwu l-iżbalji tagħna | 70 |
| E. Agius—*Air Raid* | 72 |
| Editorjal—Il-Malti fit-Tiġdid ta' wara l-gwerra | 73 |
| K. Vassallo—*Il-Qassis* | 75 |
| Ġ. Chetcuti—*Lil Binti* | 76 |
| P. Pawl Tabone, o.f.m.—Il-Milied ta' S. Franġisk | 78 |
| A. Cremona—L-Ibleh taż-Żenqa t-Twila | 82 |
| Val. V. Barbara O.P.—*L-Annunzjazzjoni.* | 95 |
| —*Fi Twelid Sidna* | 95 |
| R.M.B.—Foqra u Għonja | 96 |
| Werrej tad-Dsatax-il Sena. | 106 |


Issa niżżuħajr 'l Alla l-Malti għaddej il quddiem u hawn
ħafna li qegħdin jħabirku biex imexxuh aktar; fost ix-xir-
kiet u l-għaqdiet l-aktar għal qalbna hawn ix-"Xirka tal-
Malti għat-Tfal" imwaqqfa fil-Kulleġġ "Stella Maris" tal-
Gżira. Din ix-Xirka miexja ġmielha u issa waqqfet fergħa
tagħha n-Naxxar; dawn iż-żewġ Xirkiet għandhom ħrara
kbira biex jaqbżu għal-Malti kull fejn jeħtieġ, xhieda ta' dan
hi l-ittra li ġejja mibgħuta lill-Information Officer.

Xirka tal-Malti għat-Tfal
Stella Maris College
Gżira 28-10-43

Lill-Information Officer.

Sinjur,

B sogħba liema bħalha, aħna, l-Imseħbin tax-Xirka tal-Malti għat-Tfal, intbaħna li ż-żewġ paġni bil-Malti li għall-odu kienu jidhru fil-"Young Malta", minn xi żmien tnaqqsu u saret tidher biss paġna waħda meta xi drabi ma kunx nofs paġna għax in-nofs l-ieħor jiġi meħud minn xi stampa.

Aħna, Tfal Maltin li nħobbu 'l Malta u l-Malti, dan mhux biss inqisuh bħala ċaħda ta' jeddijietna, iżda wkoll bħala nuqqas fil-ġieħ li bil-ħaqq jistħoqqilna bħala wlied l-Gżira tal-George Cross.

Aħna, nagħrfu l-ħtieġa li naqraw bl-Ingliż biex aktar nitħarrġu f'dan l-ilsien, b'dana kollu jidhrilna, li dan ma għandux isir minn fuq dahar il-Malti.

Għaldaqstant nitolbuk tiftakar li l-"Young Malta" ġiet maħruġa għalina, Tfal Maltin, li nafu u nifhmu l-Malti aktar milli nafu u nifhmu bl-Ingliż, biex ma nerġgħux insemmu li ta' l-ewwel huwa dejjem ilsien art twelidna.

Aħna nħossuna żguri li wara li taqra dil-kitba inti tamar biex il-"Young Malta" terġa' tibda toħroġ b'żewġ paġni bl-Ingliż u żewġ paġni bil-Malti.

Kopja ta' din l-ittra sejra tinbagħat lill-gazzetti u lill-għaqdiet l-oħra li l-għan tagħhom hu li jaqbżu għall-Malti.

Għandna l-ġieh li ngħoddu ruħna,
Sinjur,
Il-Qaddejja tiegħek,
(iffirmat) Pawlu Muscat Terrible. President:
Censu Galea. Segretarju: